

# Mill-istorja tal-Kungressi Ewkaristiċi Internazzjonali

*Is-Sur Joseph G.M. Borg*

Kungress Ewkaristiku Internazzjonali hu laqgħa kbira ta' lajċi, saċerdoti, isqfijiet, arċisqfijiet u kardinali, immexxijin minn Legat tal-Papa, miġburin flimkien mid-dinja kollha bil-ħsieb li jagħtu l-ikbar ġieħ u glorja lill-Ewkaristija. Jiltaqgħu lkoll flimkien biex jaraw kif isibu mezzi ta' kif ikabbru dejjem iżjed għarfien u mħabba lejn dan is-Sagrament adorabbli li hu l-ikbar teżor li għandha Ommna l-Knisja Mqaddsa.

F'April tal-1913 iltaqa' f'Malta l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Jiġi allura li f'April tas-sena d-dieħla, dan il-Kungress se jagħlaq mitt sena li jkun ilu li sar fostna. Kienet ġrajja li nisslet festi kbar fost il-poplu Malti ta' mitt sena ilu iżda żgur dawk li ferħu l-iżjed kienu l-Mostin u dan għax ir-Rotunda għażiża tagħna kienet intgħażlet biex fiha jsiru l-laqgħat ta' dan il-Kungress. It-tifkira ta' dan kollu tagħtina okkażjoni mill-isbaħ biex ngħidu xi ħaġa dwar il-bidu ta' dawn il-Kungressi u dwar kif bil-mod il-mod, xterdu mal-ibliet ewlenin tal-pajjiżi fil-ħames kontinenti tad-dinja.

## Protagonisti tal-Ewwel fost il-Kungressi Ewkaristiċi

L-ewwel fost dawn il-Kungressi sar f'Lille, belt fin-naħa ta' fuq ta' Franza bil-ħidma ta' Patri Cheriez u l-Isqof tal-post Mons. De Segur fuq l-insistenza tax-xebba twajba minn Tours, Marthe Marie Tamisier. Għal dan l-ewwel Kungress, xi kittieba jgħidu li ħadmu ukoll żewġ negozjanti mill-istess belt ta' Lille, Filibertu Vrau u ħatnu Kamillu Veron Vrau. Nistgħu ngħidu li dan l-Ewwel Kungress kien organizzat mill-Isqof Gaston de Segur fl-Università ta' Lille mit-28 sat-30 ta' Ġunju 1881 sewwa sew 131 sena ilu. Għalkemm kien l-ewwel fost il-Kungressi attendew għalih eluf ta' fidili minn diversi pajjiżi.

## Fost l-Ewwel Kungressi

It-Tieni Kungress Ewkaristiku sar is-sena ta' wara fil-belt Franċiża ta' Avignon mit-13 sas-17 ta' Settembru 1882. Din kienet il-belt li għal 70 sena sħaħ rat jgħixu fiha sebgħa mill-papiet tul is-seklu erbatax. It-tielet Kungress qabeż il-fruntiera Franċiża u sar fil-belt Belġjana ta' Liege. Din kienet il-belt li fiha fl-1264 twaqqfet u bdiet issir il-festa ta' Corpus Domini.

L-ewwel tliet Kungressi saru sena wara l-oħra. Iżjed 'il quddiem insibuhom jiġu organizzati kull sentejn jew tlieta. Fi żmienna qegħdin isiru kull erba' snin. Minn Franza u l-Belġju xterdu matul is-snin f'iżjed bliet tal-Ewropa.

## Mill-Ewropa għal Ġerusalemm

It-tmien Kungress Ewkaristiku sar f'Ġerusalemm, il-belt imxarrba fid-demm tal-Feddej li fiha twaqqfet l-Ewkaristija fl-Aħħar Ċena. Dan il-Kungress kien sar mill-14 sal-21 ta' Mejju 1893. Għall-ewwel darba il-Papa Ljun XIII, li fi żmienu saru l-ewwel seba' Kungressi bagħat il-Legat tiegħu għal dan il-Kungress. Dan kien il-Kardinal B. Langenieux, l-Arċisqof ta' Reims.

Minn Ġerusalemm, mill-ġdid għal bliet oħra ta' Franza u l-Belġju. Mis-7 sal-11 ta' Awwissu 1899 sar għall-ewwel darba f'Lourdes, il-belt tal-Immakulata. F'Lourdes dan il-Kungress kien reġa' sar fl-1914 u fl-1981.

## Tul il-Pontifikat tal-Papa San Piju X

Tul l-għaxar snin li dam il-Papa San Piju X, il-Kungressi Ewkaristiċi saru kull sena, mill-1904 sal-1914. Dan il-Papa tal-Ewkaristija kellu x-xorti jara l-Kungress isir fl-ibliet ta' pajjiżi Protestanti bħall-Ingilterra u l-Ġermanja. Fil-fatt fl-1908 il-Kungress Ewkaristiku sar b'suċċess f'Londra, iċ-ċentru tal-Imperu Ingliż u s-sena ta' wara sar fil-belt Ġermaniża ta' Kolonja.

Fl-1910 naraw il-Kungress jaqsam l-Atlantiku u jsir għall-ewwel darba fl-Amerka ta' Fuq, fil-belt Kanadiża ta' Montreal. Is-sena ta' wara kien sar fi Vienna, il-kapitali Awstrijaka. Minn hemm, propju fl-1913 sar f'Malta tagħna, il-gżira ta' San Pawl, li kellha x-xorti tilqa' bi ħġarha l-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali bil-Kardinal Domenico Ferrata bħala l-Legat tal-Papa San Piju X.



### Temi Magħżulin għall-Kungressi

Matul l-ewwel 24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali, it-temi l-aktar diskussi kienu dawk li kellhom x'jaqsmu ma' attivitajiet Ewkaristiċi bħal ngħidu aħna: il-kult tal-adorazzjoni, purċissjonijiet, Tqarbin (l-aktar tat-tfal), is-Sagrifiċċju tal-Quddiesa u assoċjazzjonijiet u movimenti Ewkaristiċi.

L-ewwel Kungress li kellu tema speċjali magħżula kien dak li sar f'Lourdes fl-1914. It-tema kienet 'L-Ewkaristija u s-Saltna Soċjali ta' Ġesù Kristu'. Għall-Kungress li sar f'Sydney l-Awstralja, it-tema kienet 'Il-Madonna u l-Ewkaristija'. Il-Kungress li sar fi Guadalajara ġewwa l-Messiku fl-2004 kellu bħala tema 'L-Ewkaristija, Dawl u Ħajja tal-Millenju l-Ġdid'. Dan il-Kungress tal-Messiku kien it-48 wieħed li sar s'issa mill-1881 'l hawn. Dan ta' Guadalajara ma kienx l-aħħar Kungress u lanqas dak li sar warajh m'hu sejjer ikun l-aħħar wieħed.

### Ġesù Ewkaristiku jibqà Għaddej

B'tifkira tal-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913 kien twaqqaf bejn il-Belt u l-Furjana, il-Monument ta' Kristu Re. Dan kien ġie inawgurat nhar it-30 ta' Diċembru, 1917. Huwa xogħol mill-aqwa tal-iskultur imsemmi Antonio Sciortino minn Ħaż-Żebbuġ. Fih jidher Ġesù għaddej b'dik il-mixja meqjusa tiegħu u b'Malta għarkopptejha b'rasha baxxuta mixħuta quddiemu.

Milqut u spirat mis-sbuħija ta' dan il-monument, il-poeta nazzjonali tagħna Dun Karm Psaila, Żebbuġi wkoll, kiteb waħda mill-isbaħ poeżiji tiegħu, 'Il-Monument'. Fiha jistħajjel lil Ġesù miexi minn belt għall-oħra tad-dinja u għalhekk jistaqsi lil Ġesù:

*"Fejn int sejjer, O bniedem O Alla,*
*Fommok mimli bil-kliem tas-sliem?"*

Wieħed jittama li Ġesù jkompli għaddej f'din il-mixja tiegħu minn belt għall-oħra ta' din id-dinja tagħna, jxerred is-sliem u l-hena li jaf jagħti Hu biss. Kienet xorti tassew kbira dik li messet lill-Gżejjer tagħna fl-1913; kien unur kbir u rari li mess lill-Mosta u l-knisja tagħna li tilqa' Kungress miġbur mid-dinja kollha għall-ġieħ ta' Ġesù Ostja.


***Referenzi:***

1. L-XXIV Kungress Ewkaristiku Internazzjonali f'Malta – P.F. Domenico Azzopardi S. Theol. Lec. O.P. – 1913
2. Storja tal-Mosta bil-Knisja Tagħha miġbura minn E.B. Vella u Oħrajn – 1972
   Il-Ħmistax –il Taqsima – Il-Kungress Ewkaristiku – Paġni 218 sa 226
3. Tifkira tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali – Malta 1913 – Joseph Bonnici, Michael Cassar – 1988 - Paġni 10, 32 sa 35, 44.
4. Tagħrif ieħor miġbur minn fuq l-Internet bl-għajnuna ta' D. Debono.






